MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tas-6 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 711/2002

**First International Limited**

**vs**

**Ideal Dwellings (Manufacturing) Ltd**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija disgha u hamsin Liri Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm1,659.66,0), liema somma tirrapprezenta prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-23 ta' Novembru tas-sena 2001, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv,**

**kontra s-socjeta' konvenuta, li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fis-16 ta' Jannar tas-sena 2003 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------